**158. Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Konrad Mizzi, ippropona:**

Billi Malta Industrial Parks Limited (MIP) kellha l-ħsieb li tikri biċċa art f'ĦaI Luqa li tifforma parti mill-ajruport lis-soċjetà SR Technics Malta Limited (SRT) għal skopijiet industrijali;

Billi parti minn din 1-art, magħrufa bħala "Park 4", ingħatat lil Malta International Airport p.l.c. (MIA), taħt ftehim ta' immaniġġar, bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli tas-26 ta' Lulju 2002 wara riżoluzzjoni Parlamentari tad-19 ta' Lulju 2002;

Billi 1-MIA kienet disposta li tikri din 1-art lill-MlP biex b'hekk 1-istess MIP tkun tista' tikri din 1-art flimkien ma' art ikbar lil SRT;

Billi għalhekk kien jeħtieġ li 1-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2002 hawn fuq imsemmi jiġi emendat sabiex ikun possibbli li 1-art magħrufa bħala "Park 4" tingħata b'titolu ta' kera mill-MIA lill-MIP u sussegwentement tiġi sullokata lil SRT;

Billi 1-Gvern tar-Repubblika ta' Malta kien dispost li jaċċetta li ssir din il-modifika fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiż;

Billi 1-Kamra tad-Deputati approvat abbozz ta' ftehim imressaq quddiem il-Kamra permezz ta' riżoluzzjoni speċjali waqt is-seduta 249 tat-30 ta' Ġunju 2010;

Billi permezz ta' dak il-ftehim, issa kuntratt fl-atti tan-nutar Diana Charles tal-1 ta' Lulju 2010, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta obbliga ruħu illi jagħti lill-MIA porzjon ta' art fil-viċinanzi tal-ajruport internazzjonali ta' Malta, taħt ftehim ta' immaniġġar, bħala kumpens għat-telf tal-art magħrufa bħala "Park 4";

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta huwa dispost li jaċċetta li jsir it-trasferiment tal-proprjetà li hija deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, għall-iskop, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

Billi l-MIA, hija disposta li tieħu din il-proprjetà taħt ftehim ta' immaniġġar u suġġett għall-obbligi u drittijiet applikabbli kif indikati fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetà fuq imsemmija, kif deskritta aħjar fl-abbozz tat-ftehim anness immarkat bħala Dok. A u li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, tiġi mogħtija lill-MIA, taħt ftehim ta' immaniġġar, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

04.07.2018